



C/2023/349

30.10.2023

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Settembru 2023 – Skins IP vs EUIPO – Symphony (S SKINS)

(Kawża T-559/23)

(C/2023/349)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Skins IP Ltd (Shirebrook, ir-Renju Unit) (rappreżentant: S. Malynicz, Barrister-at-Law)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Symphony Holdings Ltd (Hamilton, Bermuda)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "S SKINS" – Trade mark tal-Unjoni Nru 5 310 511

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Ġunju 2023 fil-Każ R 1796/2022-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddeċiedi dwar l-appell u tirrevoka l-ispeċifikazzjoni tal-klassi 10 fl-intier tagħha u tirrevoka l-ispeċifikazzjoni tal-klassi 25 bl-eċċezzjoni tal-prodotti segwenti:
 - Klassi 25: "Ilbies, ilbies tar-ras, b'mod partikolari lbies ta' kompressjoni, ilbies tal-fitness, ilbies tal-ġiri";
- tordna lill-EUIPO u lill-intervenjent (jekk il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem l-EUIPO tipparteċipa debitament bħala intervenjent) ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom u jsostnu l-ispejjeż tar-rikorrent għall-annullament.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.